# *IL-Forti Chambray*

## *fl-isfond tal-Istorja ta' Għawdex*



**Kitba ta' Joe Caruana**

Il-baħar Mediterran minħabba l-qagħda ġeografika tiegħu bejn żewġ kontinenti li kienu avversarji għal xulxin, anki minħabba r-reliġjonijiet differenti tagħhom, u bl-għadd ta' gżejjer li jħaddan fih, kien sa mill-ibgħad żminijiet, il-port favorevoli għall-iżvilupp tal-piraterija. Il-Gżejjer Maltin bid-daħliet u l-bajjiet tagħhom f'nofs il-Mediterran kienu idejali biex il-pirati jistkennu fihom matul ix-xhur tax- xitwa. Il-pirati u wara l-kursari kienu jaħbu u jħarbtu gżejjer sħaħ billi jisirqu, jaħarqu u jieħdu l-abitanti fil-jasar, u xi gżejjer kellhom jiġu abbandunati(1).

Qabel l-1607, Għawdex ma kellu ebda fortifikazzjoni kostali sabiex tirribatti lill-pirati u lill-kursara. Kulma niesna tal-imgħoddi setgħu jagħmlu kien li jagħmlu l-għassa minn xi dura jew għarix imwaqqaf f'post li minnu kont tista' timraħ parti kbira tal-baħar u malli jilmħu xi bastiment jagħtu sinjal ta' alarm. L-uniku post li kien joffri xi ftit ta' refuġju kien il- Kastell f'nofs il-gżira li l-ħitan tiegħu kienu qodma u dejjem fil-bżonn ta' tiswijiet u ma kienx għadu tajjeb bħala fortizza.

Il-Kummissjoni li ġiet biex tagħmel spezzjoni f'Malta u Għawdex fl-1524, qabel il-miġja tal-kavallieri, irrappurtat li l-Kastell kien iffortifikat ħażin u ta' ftit importanza. Saħansitra sa mill-1551 kien hemm suġġerimenti li l-Kastell għandu jiġi maħtut u meqrud u l-abitanti jiġu trasferiti lejn Sqallija għas-sigurta.(2)




Fis-seklu ħmistax u l-bidu tas-seklu sittax il-ħajja fil-Gzejjer Maltin kienet ikkaretterizzata minn inkwisjonijiet mill-kursara, bil-konsegwenza ta' ħerba u qerda. Minħabba li Għawdex huwa iżjed imperreċ u mikxuf, kien hu li sofra aktar minn Malta mill-qilla ta' dawn ir-razzijas (ħbit u assalti) u Għawdex kien diġà kwazi fix-xejn.(3) Ta' min isemmi li Malta u Għawdex kienu joqogħdu taħt il-ħakkiema ta' Sqallin u dawn mhux talli qatt ma nkwetaw biex jagħmlu xi ħaġa għall-ħarsien ta' missirijietna, imma niesna ta' dawk iż-żminijiet imbegħda lanqas biss setgħu jibnu xi fortifikazzjoni huma stess mill-ftit fondi li kellhom jekk qabel ma jkollhomx l-approvazzjoni tal-ħakkiema li rari kien jingħata.(4)

Għalhekk f'din is-sitwazzjoni xejn sabiħa, fis-6 ta' April 1418 il-komun ta' Malta għamlu talba formali lill-Viċirejiet ta' Sqallija biex jinbena torri fuq Kemmuna ħalli jipproteġi l-fliegi. Il-Viċirejiet approvaw din it-talba bil- kundizzjoni li ssir taxxa fuq l-inbid u fuq merkanzija li jidħlu fil-gzejjer, self ta' flus u ħwejjeġ oħra biex dak li jinġabar imur għall-bini tat-torri. Il-flus inġabru u għaddewhom lir- Re Fonzu iżda t-torri baqa' ma nbeniex qabel mitejn sena wara.(5)

Il-miġja tal-kavallieri ta' San Ġwann f' Malta fl-1530, li kienu għedewwa kbar tat-torok u l-allejati tagħhom, il-kursari ta' Barbarija, komplew iħarrxu u jipprovakaw is-sitwazzjoni.(6) L-Ottomani li kienu keċċew lill-Ordni minn Rodi fl-1522, issa tefgħu l-ħarsa tagħhom fuq dawn il-gżejjer biex jeħilsu darba għal dejjem mill-Ordni u jirbħu s-supremazija fiċ-ċentru tal-Mediterran.(7) Meta ġew il-Kavallieri fl-1530 id-difiża li sabu f'Għawdex kien biss il-Kastell. Din iċ-Ċittadella / fortizza ma' kinitx idejali u b'saħħitha biżżejjed biex tipproteġi l-abitanti Għawdxin mill-ħbit tal-kursara u kellha bżonn urġenti ta' tiswijiet.(8) Matul il-perijodi ta' 21 sena li ġew wara, nistgħu ngħidu li ma sar xejn biex isaħħu d-difiża tal-belt il-qadima, il- Kastell li kien l-uniku post iffortifikat fuq il-gżira kien tħalla fi stat ta' ħerba.(9)

Wara l-1530 l-attakki żdiedu sewwa. Fuq Għawdex biss saru inkursjonijiet fl-1533, 1540, 1541, 1544, 1545,1546, 1547 u fl-1550 il-biċċa kbira minn Dragut.(10) Kemmuna wkoll kienet isservi bħala bejta għal dawn il-qattiela fejn kienu jistaħbew u mnejn kienu jaħtfu għall-għarrieda l-priża tagħhom. F'wieħed minn dawn l-attakki mill-kursara fuq Għawdex fl-1544 kien ġie maqtul mill-Għawdxin, propju ħu Dragut. Forsi kien dan il-qtil ta' ħuh li Dragut kien determinat li jeqred lil Għawdex seba' snin wara.(11) Dragut lil Għawdex kien għamlu qisu tiegħu, jiġi u jmur kull meta jfettillu.(12)

Fis-sajf tal- 1551 l-ammiral Tork Sinam Pasha u l-kursar tal-biża Dragut niżlu n-nies tagħhom Malta u wara li stħarrġu l-gżira, kixfu l-bini mill-ġdid tal-fortifikazzjonijiet ta' Sant' Anġlu u l-Birġu kienu b'saħħithom wisq biex jissograw jattakkawhom, għalhekk daru għal-Imdina u għalkemm ma irnexxilhomx jaħtfuha għamlu ħerba sħiħa. Wara qasmu għal Għawdex bil-140 ġifen tagħhom u żbarkaw fl-Imġarr u baqgħu sejrin lejn iċ-Ċittadella li kif semmejna qabel ma kinetx iffortifikata tajjeb.(13) Il-popolazzjoni ta' Għawdex daħlet tieħu kenn fiċ-Ċittadella. Iċ-Ċittadella ġiet assedjata u ibbumbardjata u għalkemm





l-Għawdxin għamlu li setgħu wara tlett ijiem kellhom iċedu. Prattikament il-popolazzjoni kollha madwar 4000 għajr għal xi 300 irġiel li ħarbu matul il-lejl u 40 xiħ ittieħdu fil-jasar.[14] It-Torok ħarbtu l-gżira qabel ma' telqu bil-priża tajba li rnexxilhom jisirqu.[15] Dragut baqa' sejjer Tripli u rnexxielu jirbaħha wkoll u jkeċċi minn hemm il-Kavallieri darba għal dejjem. Dawk l-Għawdxin li kaxkar miegħu ttieħdu ġo raħal jismu Tarkuna, fejn uliedhom u wlied uliedhom baqgħu hemm sallum.[16]

L-inkwisjonijiet fuq Għawdex ma waqfux hawn. F'Mejju tal-1560, Piali Pasha ġie bi 83 ġifen u niżżel in-nies tiegħu f'Għawdex u qabad lil kull min sab.[17] Fis-sena ta' wara 1561 Dragut innifsu niżel Għawdex bin-nies tiegħu biex jieħu l-ilma imma l-kavallerija Għawdxija reġġegħtu lura, u Dragut kellu jaħrab bl-għaġla u ħalla warajh għadd ta' rġiel li min ġie maqtul u oħrajn ġew meħuda fil-jasar bħala lsiera tal-Ordni.[18]

Il-kursara kienu jaħbtu b'ħeffa kbira, ma kinux jagħtu żmien lill-abitanti jirtiraw fiċ-Ċittadella għall-kenn. Imma anki jekk kien jirnexxilhom jieħdu kenn fiċ-Ċittadella, il-ġranet ta' kenn tagħhom kienu ftit. Dan minħabba liċ- Ċittadella kienet qadima u l-pożizzjoni tagħha f'nofs il-ġżira ma kienx faċli li tirċievi għajnuna ta' proviżjonijiet f'każ ta'assedju. Minkejja li l-ġżira ma kinitx iffortifikata tajjeb, il-poplu xorta ma xtaqx jabbandunaha u xtaq jibqa' jaħdem ir-raba' u jgħix f'Għawdex, għalhekk l-Ordni ħassu fid-dmir li joffri tama u protezzjoni. Għalkemm indubbjament Għawdex kien dgħajjef, jekk l-Ordni ried li jokkupa lil Malta, kellu jaċċetta l-piż li jiddefendi lil Għawdex, għax altrimenti kien iservi ta' bażi mnejn jiġi mmuntat attakk fuq Malta. Filfatt sa minn qabel il-wasla tal-qawwa kollha tal-kavallieri fostna, kienu ġa bdew isiru xi tiswijiet tal-fortifikazzjonijiet. F'dawk is-snin tal-bidu l-kavallieri kienu kuntenti li jagħmlu xi tiswijiet fil-fortizza, imma qatt ma ppruvaw jimmodernizzawha billi jsaħħu l-ħitan tagħha.[19] Sa mill-1551 kienu qed isiru suġġerimenti li l-Kastell għandu jiġi abbandunat u meqrud u tinbena belt ġdida fuq ir-riħ ta' Marsalforn. Din l-idea damet tiġġebbed sal-1670, meta l-inġinier militari t-Taljan Antonio Mauritio Valperga f'rapport li ippreżenta lill-Kunsill tal-Ordni rribatta din l-idea.[20]

Wara l-assedju ta' Malta fl-1565 u matul is-snin ta' wara Malta ġiet iffortifikata tant tajjeb li kienet ikkonsidrata li kapaċi tirreżisti kull attentat ta' invażjoni. Madankollu Għawdex ma kienx fl-istess qagħda. Għalkemm il-Kunsill tal-Ordni kien dejjem iżomm lil Għawdex taħt għajnejh l-abitanti tal-gżira dejjem baqgħu esposti għall-ħbit u inkwisjonijiet mill-kursara matul iż-żmien.[21] Fid-19 ta' Ottubru 1583 fiż-żmien il-Gran Mastru Hugh Laubenx de Verdalle, Għawdex kien attakkat minn erba' iġfna minn Biżerta u r-Rabat ġie issakkeġjat u 70 persuna ttieħdu fil-jasar. Wara din l-isfortuna l-Gran Mastru iddeċieda li jsaħħaħ il-fortifikazzjonijiet tal-gzira, imma kullma' sar kienu xi ftit tiswijiet u qatt xi ħaġa konkreta.[22] Fil-30 ta' Settembru 1598 Cicala Pasha daħal fil-fliegu bi flotta ta' erbgħin ġifen u l-għada filgħoldu żbarka 2,000 raġel u telaq lejn il-Kastell. Din id-darba iżda l-Gvernatur Fra Gio. Andrea Capece kien lest għalih. Hu tefa' lura t-Torok u ġera warajhom sal-bastimenti tagħhom u f'din il-ġlieda qatlilhom bosta nies. Cicola ħarab maż-żerniq tal-għodwa tat-2 ta' Frar lejn il-Barbarija.[23] inkursjoni oħra ġrat f'Ġunju 1606 meta 20 bidwi ieħor ittieħdu fil-jasar.[24]

Is-snin komplew igerrbu u l-Għawdxin ma kellhom xejn xi jqawwilhom qalbhom għall-ġejjieni, anzi nistgħu ngħidu li ħlief hemm ma kinux qed jaraw quddiemhom. Għall-mijiet ta' snin ħajjithom kienet ikkondizzjonata minn biża' ta' inkwistjonijiet u ħbit mill-kursara. L-għadu kien jaħbat għalihom u jisraqhom u jħarbat l-irziezet tagħhom u jieħu fil-jasar il- familjari tagħhom. Is-sidien barranin qatt ma pprovdewlhom xejn biex jiddefendu ruħhom. Sal-1598, il-Kavallieri qatt ma sabu flus biex jiffortifikaw lil Għawdex, ir-riżorsi tagħhom kienu qed jużawhom għal ħtiġijiet oħra f'Malta.

Fit-8 ta' Mejju 1595 Martino Garzes intagħżel Gran Mastru ta' Malta. Hu kien jiftakar tajjeb il-ġrajja tal-biża' li għadda minnha Għawdex fl-1551. Garzes kien jifhem l-hemm li għaddew minnu l-Għawdxin, u għalhekk kien juri kompassjoni magħhom. Kien jaf li d-dieqa u miżerja tagħhom kien ġej min nuqqas ta' sigurtà fid-difiża.[25] Martino Garzes nistgħu ngħidu li kien l-ewwel wieħed li ħaseb bis-serjetà dwar id-difiża t'Għawdex. Wara biss dsatax-il jum mill-ħatra tiegħu, Garzes fis-27 ta' Mejju ħatar lil Don Bernardo Espeleta bħala rappreżentant speċjali għar-Re ta' Spanja. Fost ħwejjeġ oħra qallu biex jitlob lir-Re Filippu II ta' Spanja biex iċedi u jgħaddi lill-Ordni d-dħul li nġemgħa mir-renti tal-Kommenda li kienet għadha ma mtlietx, kif ukoll





biex jibgħat inġinier Spanjol iżur Għawdex biex iħejju pjan għall-fortifikazzjoni tal-gżira li kienet fi bżonn kbir.

Din il-ħidma diplomatika ħalliet il-frott, għax qabel ma miet ir-Re Filippu II ċeda 40,000 skud lill-Ordni biex jintużaw għat-titjib u t-tisħiħ tal-fortifikazzjonijiet t'Għawdex.(26) Minflok inġinier Spanjol kif xtaq Garzes, f'Marzu 1599 wasal Malta l-inġinier Taljan Giovanni Rinaldini minn Ancona biex jipprepara rapport fuq il-problemi tad-difiża t'Għawdex.(27) Rinaldini kien kontra restawrazzjoni taċ-Ċittadella, li ħlief li kienet f'nofs il-gżira u għalhekk milħuqa minn kullimkien ma kellhiex favur tagħha. Biex iġġib liċ-Ċittadella f'qagħda tajba kienu meħtieġa spejjez kbar u xorta ma kienx jibqa' wisa' biex tilqa' fiha l-popolazzjoni t'Għawdex. Għalhekk Rinaldini ssuġġerixxa li tinbena belt/Fortizza ġdida x'imkien ieħor. Hu ikkonsidra tliet postijiet. L-Imġarr għalkemm kellu xi vantaġġi, warrbu minħabba li l-għoli ta'Għajnsielem jiġi fuqu u minħabba li l-blat mhux tajjeb biex tibni fuqu, madanakollu hu ssuġġerixxa li għandu jinbena torri biex jiddefendi l-port. Iż-żewġ postijiet l-oħra kienu Il-Pergla u Għajn Damma. Iżda dan is-suġġeriment ġie irrifjutat mill-Kavallieri.(28)

Fit-13 ta' Ottubru 1599 il-Gran Mastru Garzes u l-Kunsill tiegħu ddeċidew li jerġgħu jsaħħu mill-ġdid il-Kastell u jiffortifikaw il-gżira kollha. Il-Kunsill qabel li jingħata bidu għal dawn ix-xogħolijiet waqt laqgħa tal-Kunsill fl-20 ta' Novembru 1599. Minn dan jidher l-importanza li kienu qed jingħataw ix-xogħolijiet ta' dawn il-fortifikazzjonijiet.(29) Dawn ix-xogħolijiet baqgħu sejrin sal-1623.(30) Kemm il-Gran Mastru Garzes kien jistma lil Għawdex, jidher mit-testment tiegħu fejn ħalla 12,000 skud tad-deheb biex jinbena torri kbir fl-Imġarr kif kien issuġġerixxa l-inġinier Rinaldini fl-1599. Dan it-torri aktar tard sar magħruf bħala Torri Garza. Martino Garzes ma rnexxilux jara dawn ix-xogħolijiet lesti għax marda kiefra wasslitu biex miet fis-7 ta' Frar 1601 fl- età ta' 75 sena wara li dam bħala 5 snin u 9 xhur Gran Mastru.(31) It-torri li ħallas minn butu ssemma għalih u ġie dedikat lil San Martin, inbena fl-1605, 4 snin wara mewtu mis-suċċessur tiegħu l-Gran Mastru Alof De Wignacourt.(32) Torri Garza nbena fuq il-promontorju li jiġi fuq ir-riħ taż-Żewwieqa fuq disinn ta' Vittorio Cassar. It-torri baqa' jservi sakemm telqu l-Kavallieri minn Malta u l-Ingliżi ħattewh fl-1848 biex bil-ġebel tiegħu tinbena arkata fuq il-wied tal-Imġarr li tqgħaqqad it-triq tal-Imġarr mat-triq li tieħu għan-Nadur u l-Qala.(33)

Fuq inizjattiva tal-Gran Mastru Alof De Wignacourt, fl-1618 minn flusu bena t-torri ta' Santa Marija fuq Kemmuna. Dan it-torri kien jipproteġi lil dawk li jkunu jaqsmu l-fliegu. Biex inbena dan it-torri sewa s-somma ta' 18,628 skud, l-aktar torri li sewa flus mit-torrijiet kollha li nbnew matul il-kosta tal-gżejjer Maltin. Ta' min isemmi li mal-bini ta' dan it-torri xi bdiewa reġgħu marru jaħdmu r-raba' fuq Kemmuna, minħabba li dawk li kien hemm qabel kienu abbandunaw il-gżira madwar is-sena 1430 minħabba nuqqas ta' siġurtà.(34) Il-bajja ta' Marsalforn ma' kinitx difiża bl-ebda mod u kienet miftuħa għal kull invażjoni u din kienet ir-raġuni li Rinaldini fl-1599 issuġġerixxa l-bini ta' torri f'din il-bajja. Ma tantx hemm qbil dwar meta nbena dan it-torri imma mill-aħħar riċerka li saret jidher li nbena fl-1616.(35) Minkejja l-isforzi li saru biex jissaħħaħ il-Kastell u l-bini ta' xi torrijiet oħra d-difiża t'Għawdex xorta baqgħet mhix adekwata għal bqija tas-seklu 17 u għall-ewwel nofs tas-seklu 18. Diversi inġinieri militari ġew imqabbda jagħmlu pjanti u rapporti li jiżguraw difiża tal-gżira aħjar. Ħafna minn dawn il-proġetti kienu approvati mill-Kunsill imma qatt ma sar xejn. Waqt li d-diskussjonijiet fuq il-fortifikazzjonijiet baqgħu għaddejjin it-Torok reġgħu attakkaw lil Għawdex fl-1708.(36)

Fit-28 ta' Settembru 1714, żewġ Kummissarji tal-Gwerra, J de Camus d' Arginy u B.de Fonter ġew inkarigati jagħmlu spezzjoni tal-kosta tal-gżejjer Maltin. Ir-rapport tagħhom ġie ippreżentat fl-10 ta' Jannar 1715. Huma osservaw li Marsaxlokk u Għawdex kienu l-aktar suġġetti għal żbark mill-għadu u għalhekk għandhom jiġu msaħħa permezz ta' batteriji u trunċieri. Minn somma totali ta' 2579 skud, 875 skud ġew allokati biex jinbnew żewġ batteriji fl-Imġarr u Kemmuna.(37) Il-Gran Mastru u l-Kunsill approvaw ir-rapport u ordnaw li x-xogħlijiet jibdew minnufih. Il- Balliju Iradana Ġiranda b'rabta ma' dan fi Frar 1715 żar Għawdex u ħareġ flus biex jinbdew tliet batteriji li sal-aħħar t'April kienu tlestew tnejn minnhom li kienu dik tal-ponta ta' Santa Marija f'Marsalforn u l-oħra fl-Imġarr taħt r-riħ ta' Chambray int u dieħel ġo rdum, fejn illum hemm l-uffiċċju tal-Gozo Channel.(38)



Ta'min jgħid li d-diskussjoni polemikuża dwar jekk kellux jiġi msaħħaħ il-Kastell jew li tinbena belt ġdida baqgħet ittawwal. Ninnota wkoll li kull meta l-Ordni ħaseb biex jibni belt ġdida, l-opinjoni dejjem kienet li tinbena fl-inħawi ta' Marsalforn, l-aktar fuq Għajn Damma.(39) Iżda kif qaleb is-seklu 18 il-ħsieb inbidel. L-iskrizzjoni fuq l-irħam li hemm fuq il-bieb tal-istess fortizza (Chambray) tgħid li din il-fortizza f'dan il- post kien ilha maħsuba sa mis-seklu ta' qabel.(40) Fil-bidu tal-1715 fuq talba tal-Gran Mastru Ramon Perellos y Roccaful, ġew Malta l-inġinier Briġadier Louis Forancois de' Tigne u l-inġinier Charles Forancois Mandion biex jeżaminaw il-fortifikazzjonijiet ta' dawn il-gżejjer. Fl-1 ta' Settembru tal-istess sena, huma ippreżentaw rapport magħmul u ffirmat mit-tnejn. Ftit wara de Tigne reġa' lura lejn Franza u baqa' hawn de Mandion sabiex taħt it-treġija tiegħu jsiru x-xogħolijiet imsemmija fir-rapport.(41)

Tigne reġa' ġie lura Malta fuq talba tal-Gran Mastru Perellos fil-bidu tas-sena ta' wara. Wara studju kbir li huwa għamel fuq id-difiża ta' Malta u Għawdex, huwa ippreżenta lill-Kunsill tal-Gwerra rapport ġdid li kien jissuġġerixxi t-twaqqif ta' bosta fortifikazzjonijiet, fosthom il-bini ta' belt/fortizza fuq Ras it-Tafal bil-pjanta oriġinali tagħha. Dan ir-rapport iġib id-data tal-15 ta' Settembru 1716, jiġifieri 33 sena qabel ma' fil-fatt beda x-xogħol tal-fortizza.(42) Il- Gran Mastru u l-kunsill approvaw il-pjan ta' Tigne f'laqgħa fit-22 ta' Marzu, 1717 imma minħabba nuqqas ta' fondi l-pjan ġie mwarrab.(43) Imma l-bżonn li tissaħħaħ id-difża tal-port li jgħaqqad lil Għawdex ma' Malta bil-baħar ġie diskuss u mtenni konstantament mill-Kummissarji tal-fortifikazzjonijiet u Gwerra matul l-ewwel nofs tas-seklu.(44)

F'rapport kompressiv ħafna intitolat Progetto per Assicurare l'Isola Del Gozzo contro ogni attacco del Nemico bid-data tal-25 ta' Settembru 1722, il- kummissarji tal-Fortifikazzjonijiet u l-Gwerra reġgħu irrivalidaw il-kwistjoni kollha tad-difiża ta' Għawdex. Huma semmew tliet possibilitajiet: li jiffortifikaw ix-xtut biex l-iżbark isir impossibbli; li jżidu d-difiża tar-Rabat; li jiffortifikaw post ieħor sabiex il-għadu jkollu jagħmel żewġ assedji. Il-Kummissarji rrikmandaw it-tliet proposti fil-kundizzjoni li l-fortizza ġdida tinbena fuq Ras it-Tafal.(45) Dan għal diversi raġunijiet. Minħabba li kienet qrib l-Imġarr l-uniku





port f'Għawdex li minnu jgħaddi l-kummerċ kollu għal Malta; kien hemm provista tal-ilma fil-qrib u li fil-każ ta' bżonn il-fortizza setgħet tingħata għajnuna mill-baħar u fl-istess ħin tgħin id-difiża tal-fliegu. Belt iffortifikata fl-Imġarr kien ittamat li tkun il-katalist li jerġa' jagħti l-ħajja lill- kummerċ tal-gżira u li anki tattira residenti ġodda.(46) Għalhekk il-Kummisarji ppropenew li tinbena belt fl-Imġarr u belt/fortizza fuq Ras it-Tafal.(47) Wara li semmew il-vantaġġi li l-Fortizza ġdida fuq Ras it-Tafal kienet se żżid għad-difiża ta' Għawdex, il- Kummissarji enfasizzaw il-bżonn li jieħdu dak kollu li jistgħu li dawk l-inħawi kellhom x'joffru.(48) Il-Kunsill approva dak il-proġett. Din l-approvazzjoni kienet tfisser li għall-ewwel darba l-pjan li kien ħejja Rinaldini fl-1599 għal-bini taċ-Ċittadella fl-inħawi ta' Marsalforn kien qed jiġi mwarrab.(49) Il-Papa wkoll ġie nfurmat b'kollox billi mingħandu kien mistenni għajnuna. Madanakollu xorta waħda dan il-proġett baqa' ma kellux il-bidu tiegħu.(50)

Sentejn wara jiġifieri fil-5 ta' Ġunju 1729 il- Gran Mastru Manoel de Vilhena għamel żjara fuq il-post ta'Ras it-Tafal u b'ċerimonja immarka fejn kellha titla' l-fortizza li l-bidu tagħha kellu jkun meta titlesta Forti Manoel li kienet qed tinbena f'Malta għax ma kienx hemm flus biex jinbnew iż-żewġ fortizzi flimkien. Fl-1733 Forti Manoel tlestiet imma xorta ma kienx hemm flus biex jinbeda x-xogħol fuq Ras it-Tafal.(51)

Il-pjan oriġinali ta' Tigne, kif jidher minn pjanta li de Palmeus kien iddisinja fl-1754 u ppubblika fl-1757 minn fuq l-oriġinal li Tigne kien ħejja fl-1716, kien jinkorpora fih bosta xogħolijiet. Kien jinkludi: il-bini tal-belt żgħira ġdida fil-port tal-Imġarr bl-linji ta'difiża biex jiproteġuha; il-bini ta' belt/fortizza fuq Ras it-Tafal; il-bini ta' linji ta'difiża madwar it-Torri Garzes u nbniet fuq l-għolja Busuttil (fejn illum hemm il-knisja ta' Lourdes).(52) Dwar il-belt/fortizza ġdida li kellha tinbena fuq Ras it-Tafal u li kellha tkun l-aħħar fortizza mibnija mill-Kavallieri, kien proġett affaxxinanti ħafna u kellha tissemma Ċitta Vilhena għal Gran Mastru. Il-belt kienet ippjanata bit-toroq fuq mudell ta' gradilja bi blokki ta' bini kwadri. F'nofs il-belt kienet maħsuba pjazza mdawra fuq tliet naħiet bini bil-portiku fil-faċċata u fuq ir-raba' naħa tinbena knisja. Faċċata tal-knisja kien maħsub il-palazz tal-gvernatur.(53) Imma



donnu li din il-belt/fortizza li kienet ilha tiġi diskussa tant snin kienet se tibqa' biss ħolma.

Kien jidher li kieku ma kienx għall-ġenerożita ta' wieħed kavallier dan il-proġett qatt ma kien imur lil hemm mill-pjanti: F'Settembru 1749, il-Balliju Jacques Francois de Chambray informa lill-Gran Mastru Manoel Pinto li kien lest li jipprovdi l-fondi minn butu għall-bini tal-belt/fortizza fuq Ras it-Tafal skond il-pjanta li Tigne kien iddisinja fl-1716. Il-Gran Mastru kollu tifħir għal de Chambray laqqa' l-Kongregazzjoni tal-Fortifikazzjonijiet u l-Gwerra u nforma lill-membri bl-offerta ta' Chambray. Il-Kongregazzjoni unanimament aċċettat l-offerta bi gratitudni. Dik il-kongregazzjoni ħarġet digriet biex il- proġett jibda minnufih. L-inġinier tal-Ordni Francesco Marandon għandu jmur fuq il-post biex jistħarreġ is-sitwazzjoni u jibda x-xogħol u jġibu fi tmiem.[54] Maradon qatta' tliet ġimgħat fuq il-post biex jiżgura l-kwalità tal-art u jara li hi tajba biex tibni fuqha, li l-ġebla tista' tinqata' mill-post hi tajba biex tinħadem u ħalli jdawwar lil Balliju Chambray fuq is-sit biex isir jaf il-post aħjar u jassigurah li l-pjan ta' Tigne jista' jitwettaq b'xi tibdil.[55] Il-Balliju de Chambray ħallas bil-quddiem 40,000 skud u ħalla wkoll wieħed minn ħamsa tal-propjetà tiegħu kif ukoll somom oħra ta' flus biex wara mewtu jkun jista' jitkompla x-xogħol. Min-naħa tiegħu l-Ordni offra l-art fejn kellha titla' l-Forti u jipprovdi l-ilsiera għax-xogħol. Fil-15 ta' Settembru 1749 il-Gran Mastru awtorizza l-bini ta' fortizza qawwija fuq Ras it-Tafal, skond il-pjanti ta' Tigne. Ix-xogħol beda nhar l-4 ta' Ottubru tal-istess sena bil-qtugħ tal-ġebel u livellar tal-art.[56]

Il-Kuntratt tal-appalt għal dan ix-xogħol sar jumejn qabel il-bidu tiegħu, bejn il-Balliju Chambray u tlettax il-appellatur, bil-ftehim tal-ħlas ta' 22 irbiegħi għall-qtugħ ta'kull qasba kuba. Fi żmien sena sal-20 ta'Ottubru 1750 ġew maqtugħa elfejn u ħames mitt qasba ġebel u kien għad baqa għall-qtugħ għaxart elef qasba kubi oħra.

Taħt l-10 ta' Ottubru, 1752 tinsab obbligazzjoni li biha ċertu Ġużepp Magro bin Ġamri mix-Xewkija intrabat li jġorr il-materjal li ngabar mill-qtiegħ, bil-ħlas ta' tmien irbgħajja kull ħamsin kaxxa jekk il-karrettun ikun miż-żgħar u kull ħamsa u erbgħin kaxxa jekk il-karrettun ikun mill-kbar basta l-kaxxi jkunu mimlija sewwa. Dan il-materjal kellu jittieħed għall-bogħod ta' sebgħa u disgħin qasba[57] u jintefa' fil-wied tal-qarib.[58] Il-post li fih intefa' l-materjal jiġi n-naħa ta' fuq ta' Wied il-Liebru, bejn wieħed u ieħor minn wara l-iskola l-isfel u ġie milqugħ b'ħajt li nbena apposta. Dan il-post għadu sallum jissejjaħ it-terrapien.

L-istess Ġużepp Magro kellu jtella' mill-Imġarr għall-fortizza l-ġir bil-ħlas ta' tmintax-il ħabba kull modd u l-porċellana bis-sitta u tletin ħabba kull modd.[59] Ix-xogħol tal-qliegħ tal-ġebel u twittija tal-art ħa sa Ġunju 1752 biex tlesta u f'Ottubru nbeda b'ħeġġa x-xogħol fuq il-bini tal-fortizza taħt id-direzzjoni tal-inġinier tal-Ordni Marandon.[60] Minn meta nbeda x-xogħol ta' tħejjija sa ma kien għoddu lest f'Ġunju 1752, Marandon ġie tlettax-il darba biex jara x-xogħol. Kull darba kien idum minn sebgħa sa tmienja u tletin jum. Hu kien joqgħod f'dar li l-Kongregazzjoni tal-Fortifikazzjonijiet għamlet għad-dispożizzjoni tal-inġinier li jkun responsabbli mix-xogħol tal-fortizza.[61]

Il- Balliju Chambray kien iżomm għajnejh fuq ix-xogħol b'interess kbir u biex ikun dejjem fuq il-post mar joqgħod f'dar qrib, dik li illum nafu bħala d-dar tal-orfni l-qadim 'Dar San Ġużepp'. Kif tlesta x-xogħol tal-qtiegħ tal-ġebel u t-Trasport tal-materjal li ngabar, il-Balliju Chambray li kien beda x-xogħol bil-kunsens tal-Gran Mastru u tal-Kunsill tal-Gwerra, ried qabel ma jibda l-bini, jkollu wkoll il-kunsens tal-Ordni. Huwa għaldaqstant fl-isem tal-Kongregazzjoni kif ukoll f'ismu talab permss tal-Gran Mastru li l-Kunsill tal-Ordni japprova wkoll it-twaqqif tal-fortizza. Dan il-kunsill iltaqa' malajr fit-23 ta' Ġunju 1752 wara li faħħar ferm il-proġett tal-bini tal-fortizza skond il-pjanta oriġinali ta' Tigne, il-Kunsill mhux biss ta l-kunsens tiegħu, iżda ikkmanda wkoll li x-xogħol għà mibdi minn Chambray jitkompla sat-tmiem tiegħu.[62]

Il-pjanti ta' Tigne issa kienu għaddew tlieta u tletin sena minn fuqhom u l-Kavallieri deher li kellhom xi dubji dwarhom minħabba li seta' kien għadda żmienhom. Għalhekk iddeċidew li jfittxu l-parir ta' esperti militari barranin minn Spanja, Franza u l-Italja. Dan fid-dawl li setgħu żviluppaw teoriji ġodda dwar id-difiża minn meta saru l-pjanti oriġinali.[64] Dawn il-konsultazzjonijiet ma servew kważi għalxejn minħabba li l-inġinieri barranin ma qablux dwar is-suġġerimenti tagħhom biex itejbu l-pjanti tal-fortizza. Għalhekk l-Ordni kellu jagħmel l-aħjar li seta' minn dawn il-pariri kontinġenti. Meta fl-aħħar ix-xogħol beda b'ħeġġa, kien hemm qbil li l-prijorità tingħata lill-bini tal-fortizza proprja.[66]

Mingħajr telf ta' żmien ġew imqabbda l-aħjar bennejja u l-aħjar ħaddiema tal-ġebel u magħhom sar, bil-kitba



l-akkordju fuq il-ħlas li kellhom jirċievu bil-ġurnata b'dan il-mod:

il- prim bennej – ħamsa irbgħajja

is-sekond – erba' rbgħajja

il-prim mastizzar – tliet irbgħajja u ħmistax-il ħabba

il-manwali - minn tliet irbgħajja sa rbgħajjejn u għaxar ħabbiet

l-għaġġiena tat-tajn - erbgħajja u ħmistax-il ħabba.

Il-mazzieri - erbgħajja u għaxar ħabbiet.

Il- prim lavrant- tlieta irbgħajja u ħmistax-il ħabba.

Il-ħlas għan-naġġara kull qasba kien hekk: għall-ġebel tal-qawwi ħames irbgħajja, għall-iebes erba' rbgħajja; għall-artab tliet irbgħajja; għal aktar artab irbgħajja u ħames ħabbiet kull qasba.

Intħaseb ukoll għal-nies tas-servizz biex jindokraw il-fortizza u biex iżommu l-ordni bejn il-ħaddiema. Chambray ħaseb ukoll biex għan-nies tas-servizz li jkunu fil-fortizza, issir quddiesa fil-Ħdud u l-btajjel ġewwa l-istess fortizza. Għall-għasess li kienu jindokraw ix-xtut u naħiet oħra tal-fortizza, dawn kienu jmorru għall-quddiesa li kienet issir għall-Balliju fid-dar tiegħu qrib il-fortizza, dik id-dar li semmejna aktar qabel.[67] Ta' min isemmi li l-Balliju Chambray kien ġab il-permess mingħand il-Papa Beneditttu XIV għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies fil-kappelli fir-residenzi tiegħu f'Malta u f'Għawdex.[68]

Taħt l-20 ta' Diċembru 1752 jinsab dokument tal-appalt ta' dgħajjes għat-transport tal-ġir u tal-porċellana minn Malta għal Għawdex għax-xogħol tal-fortizza. Il-patruni tad-dgħajjes t'Għawdex li magħhom intlaħaq il-ftehim għal dan it-trasport kienu: Wenzu Portelli mir-Rabat; Pawlu Azzopardi mix-Xewkija; Wenzu Gafà mir-Rabat u Lippu Cassar mir-Rabat. Dawn obbligaw ruħhom li jġorru bid-dgħajjes tagħhom il-ġir u l-porċellana minn Malta għal Għawdex ġurnata kull wieħed, bil-patt li jgħabbu kull vjaġġ għaxar moddijiet ġir u sitta porċellana kull dgħajsa bil-ħlas ta' erbgħajja kull modd ġir u erba' rbgħajja kull modd porċellana.[69]





Sadanittant il-bini tal-fortizza, bil-ħeġġa ta' Chambray u taħt it-tmexxija tal-inġinier Marandon mexa 'l quddiem sewwa.[79] F'nota bid-data 6 ta'Ġunju, 1753 tindika l-ħtieġa ta' iżjed ħaddiema għall-bini tal-fortizza l-ġdida u taqsam is-sit f'żewġ barrieri b'kull waħda assenjata 7 baqquniera u lavranti.[71] Ta' min isemmi li għalkemm Marandon kien responsabbli mill-esekuzzjoni tax-xogħol tal-bini, hu mhux dejjem kien ikun preżenti, imma kien iħalli x-xogħol f'idejn soprastano fuq il-post biex jissorvelja x-xogħol hu u Marandon kien jikkomunika regulari miegħu bl-ittri.[72]

F'Awwissu 1753 inqalgħu xi diffikultajiet rigward is-sur tan-naħa tal-punent dwar xi teknikalitajiet tal-kostruzzjoni. L-inġinier Marondon fil-21 tal-istess xahar talab lill-Gran Mastru u lil-Kongregazzjoni tal-Gwerra biex jiksbu parir bil-miktub minn barra fuq dak li kellu jsir. F'qasir żmien inkisbu żewġ pariri li qablu fil-pariri tagħhom u approvaw b'differenza ċkejkna s-suġġeriment ta' Marondon.[73]

Ftit taż-żmien wara, meta kien wasal biex jibda x-xogħol tal-kontra –gwardja, reġgħu nqalgħu xi diffikultajiet ġodda. Reġgħu ntalbu l-pariri minn barra. F'April 1754, il-Gran Mastru fuq parir li rċieva min għand il-Kommendatur Bertola, Direttur Ġenerali tal-inġinieri tar-Renju ta' Sardinja ordna lil Marandon biex jibqa' jmexxi x-xogħol tal-kontra-gwardja fuq il-pjanti oriġinali ta' Tigne.[74] Donnu l-inkwiet ma' riedx jieqaf. F'ittra bid-data tal-24 ta' Ottubru 1753 mibgħuta lill-Kongregazzjoni tal-Gwerra, Chambray issemmi kif is-soprastant Andrea Picola ilmenta li ma jistax isir progress minħabba d-diżubbidjenza tal-ħaddiema.[75] Jidher li xi ħaddiema kienu diżubbidjenti għall-ordnijiet tas-superjuri tagħhom. Xi ħaddiema kienu qegħdin jonqsu mix-xogħol taħt l-iskuża li għandhom bżonn jaħdmu fl-artijiet jew id-djar tagħhom.[76] Għalhekk wara r-rapport li sar lill-Gran Mastru, dan fil-31 ta' Lulju 1754 ħareġ digriet li kien jimponi pieni stretti ta' 'lavori forzati' kontra min jaqla' l-inkwiet.[77]

B'riżultat ta' dan intbagħtet forza ta' suldati fuq il-post komposta minn żewġ kapurali u tnax-il suldat biex iżommu l-ordni.[78] Eventwalment ħames ħaddiema kienu ġew penalizzati. Dawn kienu; Franġisk Portelli, Mikiel Farruġia u Ġużepp Mizzi minn Nadur; Pawlu Busutill u Pawlu Mizzi t-tnejn mix-Xewkija.[79] Wara dawn il-passi dixxiplinarji, li swew ferm sabiex rażżnu d-diżubbidjenza tal-ħaddiema, ix-xogħol tal-bini baqa' għaddej 'l quddiem, u sal-1755 ix-xogħol kien fi stat avanzat ħafna.[80]

Bla ħsieb ta' xejn, il-Balliju Chambray miet nhar it-



28 ta' April 1756 minn attakk ta' poplesija meta kellu biss tmienja u sittin sena.[81] Biex tkun tista' titkompla l-fortizza, wara mewtu, Chambray f'testment li kien għamel f'Għawdex nhar it-30 ta' Mejju 1751 u msemmi minnu stess nhar it-30 ta' Novembru 1755, jiġifieri ħames xhur biss qabel ma miet, ħalla l-flejjes li kellu fi tliet id-djar tnejn f'Malta u oħra f'Għawdex għall-bini tal-fortizza. Ħalla wkoll għall-istess għan il-flus li kellu depożitati fl-Università tal-Belt aktar minn sitt elef u seba' mitt skud bl-imgħax ta' tlieta fil-mija. Ħalla wkoll sakemm kienu jippermettulu r-regolamenti tal-Ordni, l-ispoll tiegħu. Minħabba li ma ħalla xejn għal ruħu, fl-aħħar testment talab lill-poplu ta' Malta u Għawdex biex jissufrugawh u jitolbu 'l Alla għall-mistrieħ ta' ruħu.[82]

Ix-xogħol tal-fortizza kompla miexi u partikularment fuq in-naħa tat-tramuntana, li fuqha kien hemm qbil li jingħata prijorità minħabba li din in-naħa kienet esposta għall-attakki mill-art u sal-1755 il-bini kien wasal sal-kurdun u sal-1757 id-demiluni kienu kważi lesti.[83] Is-sena ta' wara 1758 il-kappella kienet lesta, li jindika li x-xogħol issa kien fi stat avanzat ħafna tant li seta' jsir dan il-bini (tal-kappella) li mhux ta' natura militari.[84]

Il-kappella ġiet iddedikata lill-Madonna tal-Grazzja u ġiet imbierka nhar is-6 ta' Awwissu 1758 mir-Rev. Fra Ġużepp Dou, Tal-lingwa ta' Alvernja delegat ta' Fra Giovanni Domenico Mainardi, Gran Pirjur tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, fil-preżenza tal-Gvernatur ta' Għawdex, il- Kavallier Fra Carlo Du Guast tal-lingwa ta' Aragona; il-Kavallier Fra Franġisk Calon, tal-lingwa Franċiża, Kummisarju tal-Fortifikazzjonijiet. Ix-xhieda kienu r-Rev. Dun Karlu Zimech, Dun Ġużepp Teuma, Dun Mikiel Dandolina u Fra Anton Vella, Kappillan Konventwali.[85] Ta' min ikun jaf li din il-kappella l-istess bħall- kappella tat-Torri Garzes kienet taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal- Gran Pirjur tal-Ordni u mhux taħt l-isqof.[86]

Minn rapport datat 28 ta' Lulju 1761 jidher li l-fortizza kienet iffortifikata tajjeb tant li ġà kienet imgħammra b'korp ta' 500 ruħ. Ġà kellha wkoll 40 kanun ta' kull kalibru, inkluż ukoll għadd kbir ieħor ta' armi u eluf ta' balal u bombi, barra eluf ta' libbri ta' porvli.[87]

Fil-21 ta' Jannar 1760, il-Kunsill tal-Gwerra approva li jsiru dawn ix-xogħolijiet li ġejjin biex jagħmel il-Belt/ Fortizza konfortabbli biex tgħix fiha:

- Pont quddiem il-bieb prinċipali.
- Mitħna
- Ġibjun għall-ilma li jkun jiflaħ għall-bombi
- Żewġ kwartieri għall-abitazzjoni li jkunu jifilħu għall-bombi
- Sptar ġdid
- Porvlista li tiflaħ għall-bombi fuq is-sur tan-naħa tal-lbiċ.
- Bibien tal-injam fit-tliet entraturi tal-ġnub. Prijorità kellha tingħata f' din l-ordni- 1) il-pont, 2) il-ġibjun u 3) l-porvlista.

F'istess seduta l-kunsill ħabbar ukoll li billi s-sur tan-naħa tax-xlokk li jħares fuq l-Imġarr kien għadu bla isem, il-Gran Mastru ordna li jkun magħruf bħala s-sur ta' San Gejtanu filwaqt li dak tal-Lbiċ li jħares lejn Imġarr ix-Xini, fejn kellha titla' l-porvlista, kellu jissemma s-sur tal-Anġlu Kustodju.[88]

Fl-1760 il-Kongregazzjoni kienet f'pożizzjoni li titfa' l-attenzjoni tagħha biex tħajjar in-nies imorru joqogħdu fiha billi l-fortizza kienet maħsuba bħala belt fortifikata u mhux bħala stabbiliment purament militari.[89]

Fil-5 ta' Lulju 1761 daħal Malta bastiment b'sittin kavallier inkluż il-Konti de Bourlamaque, Borigdier tal-Armata tar-Re ta' Franza. Miegħu kellu entourage ta' ħames inġinieri mmexxija mill-LT. Kurunell Mons de Pontleray, ħames uffiċjali tal-Aostillerija u erbgħin kanunier u suldati mibgħutin b'rabta mal-emerġenza militari tal-mument u b'approvazzjoni tar-Re ta'Franza. Il-Konti Bourlamaque ġie bħala kmandant tal-korp tal-inġinieri u artillieri bla ebda spejjeż għall-Ordni.

Bourlamaque u Pontleray, flimkien mal-grupp ta' inġinieri għamlu żewġ rapporti fuq id-difiża ta' Għawdex. L-ewwel wieħed bid-data tat-28 ta'Lulju 1761, fost ħwejjeġ oħra fuq forti Chambray qal hekk-is-sur tan-naħa tal-lvant kien inbena ħażin fuq blat fraġli; iż-żewġt iġnub, dawk tal-lvant u tal-punent kienu dgħajfa, u pproponew li jinbnew linji ta' difiża fuq ġewwa biex iservu bħala t-tieni linja ta' difiża-tinbena trunċiera fuq l-għolja Busuttil (fejn illum hemm il-knisja ta' Lourdes) kif kien oriġinarjament ippjanat minn Tigne- li Torri Garzes kellu jiġi mdawwar b'foss u semmew ukoll xi punti oħra.[90]

Minkejja l-oġġezzjonijiet ta' Marandon għal dan ir-rapport minħabba li bix-xogħolijiet proposti li jsiru internament kienu jieħdu ħafna spazju u kienu jirrendu l-Fortizza ma tibqax tajba bħala Ċittadella, ir-rapport ġie aċċettat mill-Ordni, imma qatt ma ġie attwat.[91]

Fi tieni rapport tagħhom bid-data tal-24 ta' Ottubru 1761, Bourlanque u l-inġinieri Franċiżi ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-art ta' mal-kosta bejn Forti Chambray u Mġarr ix-Xini kienet aċċessibbli għall-għadu. Għalhekk irrikmandaw il-bini ta' batterija żgħira bi tlett kanuni u trunċiera żgħira bejn il-batteriji u l-Forti. Huma qalu li biex jiġu mgħammra dawn ix-xogħolijiet u mgħassa

l-kosta bejn il- Forti u Mġarr ix-Xini kienu meħtieġa mitejn ruħ. Huma komplew jgħidu li biex jiddefendu l-fortizza proprja kien meħtieġ gwarniġġjon ta' mhux inqas minn 500 raġel. Fir-rapport tagħhom huma komplew daħlu fid-dettal dwar kemm kienu meħtieġa armamenti u munizzjoni.[92]

Il-Forti tinsab wieqfa f'għoli ta' 225 pied 'l fuq mil-livell tal-baħar u l-ħitan tagħha jestendu tul ta'mil. Il-front formidabbli tan-naħa tat-tramuntana huwa difiż minn tlett bastjuni, żewġ kurtini, foss wiesgħa, kontrogwardja, żewġ demiluni u glasis. Għandha wkoll foss in-naħa tal-punent, imma x-xaqliba ta'nofs inhar li tħares il-flieġu u lejn Malta għandha ftit amberżuni. B'kollox kellha total ta' 70 ta'amberżuna.[93] In-naħa tax-xlokk is-sies kien jifforma difiża naturali, għalhekk is-swar din ix-xaqliba ngħataw inqas importanza minn oħrajn.[94]

Forti Chambray kienet ippjanata bħala belt / fortifikata, għalhekk malli tlesta x-xogħol tal-fortifikazzjoni ġew ippjanati it-toroq f'linji dritti u s-siti lesti biex jinbnew id-djar, imma s-siti maħsuba għad-djar qatt ma nxtraw u ħadd ma bena daru fil-fortizza. Ir-raġuni jista' jkun li kienet minħabba li sal-1750 kien naqas ħafna l-periklu ta' ħbit mill-kursari u għalhekk kien inkonvenjenti li wieħed joqgħod jibdel daru.[95] Kulma nbena ġol-fortizza kienu biss kwartier kbir għas-suldati, il-kappella u l-porvlista. Il-parti l-kbira tal-art imdawwra bis-swar spiċċat mitluqa u mhux mibnija u qatt ma saret belt residenzjali.[96]



Fis-snin li ġew wara l-fortizza ġiet fi stat ħażin. Sas-sena 1789 kienet meqjusa bħala ħerba. Ir-raġuni tal-kundizzjoni ħażina tagħha ġiet mogħtija lill-kwalità tal-art, li fejn kienet taflija u fejn il-blat kien fraġli, kif ukoll li x-xogħol tal-bini tas-swar ma kienx ta' ħxuna adekwata.[97] Biex isir ix-xogħol ta' tiswija kien meħtieġ xogħol ta' kostruzzjoni kbira li ma kienx faċli għall-Ordni minħabba l-qagħda xejn tajba tal-finanzi li kien jinsab fiha. It-tiswijiet li saru fl-1795 u 1796 kienu żgħar. Minkejja dan kollu din il-fortizza kienet waħda mill-ftit fortizzi li wriet ftit reżistenza b'kuraġġ kontra t-truppi ta' Napuljun fl-1798.[98]

Fil-5.30 ta' filgħodu tas-Sibt, 9 ta'Ġunju 1798, min-naħa ta' Għawdex dehru ġejjin għadd kbir ta' bastimenti tal-gwerra u tat-trasport. Il-bnadar blu, abjad u aħmar iperpru mal-arblu ma ħallew ebda dubju ta' liema pajjiż kienu. Napuljun kien wasal Malta waqt li kien fi triqtu lejn l-Eġittu. Fi 8 ta'fil-għaxija tas-Sibt 9 ta' Ġunju 1798 Napuljun Bounoparte bagħat ordni lill-ġenerali tiegħu biex f'nofs il-lejl jibdew l-iżbark fuq Malta.[99] Fil-jum tal-10 ta' Ġunju għal xi s-1.00 ta' wara nofsinhar, it-truppi Franċiżi taħt it-tmexxija tal-Ġeneral Reynier, bdew jiżbarkaw in-naħa ta' Rdum il-Ħawt jew ta' Vnuta in-Nadur.[100] Dan l-irdum ma' kienx il-post idejali biex tixxabbat miegħu u l-Għawdxin ma kinux jgħassuh.[101] Tlitt frejgati Franċiżi bdew jisparaw fuq il-batterija tar-Ramla u t-torri ta' Sopu. L-Għawdxin intebħu x'kien ġej; u xi 200 Għawdxi telqu bil-ġiri lejn l-irdum u fetħu n-nar fuq il-Franċiżi li laħqu niżlu l-art u fuq id-dgħajjes tal-iżbark u ferew lis-Surġent Maġġur Bertrand li kien fl-istess dgħajsa mal-Ġeneral Reynier.[102] Il-batterija ta'Sopu u t-torri ta' Sopu ġew imsikkta, il-Franċiżi baqgħu telgħin 'l fuq u meta fl-aħħar waslu fil-wita' fetħu nar qawwi fuq l-Għawdxin u ħarbuhom.[103]

Reynier min Nadur ordna li taqsima ta' suldati jinżlu r-Ramla u jibqgħu sejrin biex jieħdu x-Xagħra. Minn hemm imorru jaqbdu t-torri ta' Marsalforn u jkomplu sejrin biex jattakkaw iċ-Ċittadella. Reynier inniffsu mexxa t-taqsima l-oħra u daħal in-Nadur u minn hemm niżlu lejn Chambray.[104] Ġo Chambray barra xi ftit suldati kien hemm għadd ta' raħħala mill-irħula u l-inħawi tal-qrib li kienu daħlu jistkennu bil-familji u l-bhejjem tagħhom. Reynier bagħat igħidilhom li l-Franċiżi ma ridux jagħmlulhom ħsara, imma riedu biss jirbħu l-għzira minn taħt idejn l-Ordni. Billi raw li ma kien hemm ebda tama għalihom dawk ta' ġo Chambray ħallew it-Truppi jidħlu fil-fortizza.[105] Billi ma setgħux iniżżlu l-pont tal-bieb, niżlulhom xi fallakki u ħbula biex ikunu jistgħu jidħlu. Il-Franċiżi trattawhom bi ħniena u ma żammew lil ħadd priġunier. Ir-raħħala telqu lura lejn l-irziezet tagħhom bi ħwejjiġhom. Ġo Chambray il-Franċiżi sabu wkoll 22 kanun.[106]

Għaddew ftit xhur u l-Maltin bdew jiddejqu bl-imġieba tal-Franċiżi, wara li dawn bdew jisirqu l-fided mill-knejjes u fit-2 ta' Settembru 1798 il-Maltin qamu kontra il-Franċiżi.[107] Fit-3 ta' Settembru fuq l-eżempju ta' ħuthom il-Maltin u mmexxija mill-Arċipriet Dun Saverio Cassar, qamu huma wkoll kontra l-Franċiżi. Il-Franċiżi f'Għawdex kellhom ftit truppi u ftit setgħu jagħmlu biex irażżnu lill-Għawdxin u għalhekk kellhom jirtiraw ġol-kastell u ġo forti Chambray. Fi ftit ġranet ir-ribelli Għawdxin ħadu taħt idejhom il-fortifikazzjonijiet tal-kosta kollha minbarra l-kastell, Forti Chambray u torri Gardez u nistgħu ngħidu li reġgħu ħadu kontroll tal-Gżira f'idejhom[108] Wara attakk minn truppi u suldati Għawdxin taħt it-tmexxija ta' Franġisk Zammit mix-Xewkija u Anton Mallia fuq it-Torri Garzes, dan it-Torri ċeda wkoll.[109]

Il-Franċiżi sabu ruħhom f'dsprament nieqsa mill-ikel u provisti oħra essenzjali. Dawk li kienu ġewwa Chambray magħfusa minn ġuħ kbir kienu l-għar u għalhekk bdew jaħarbu mill-fortizza lejn Malta bil-moħbi fuq xprunara.[110] Saru attakki fuq il-Forti Chambray li fihom kellu sehem ewlieni Franġisk Zammit u bis-saħħa tiegħu ntrebaħ il-forti Chambray u tella' fuqu l-bandiera Naplitana wara li s-suldati Franċiżi li kien hemm ħarbu lejn Malta.[111] Immedjatament wara li ħadu pussess tal-Forti ġarrew xi kanuni lejn l-għolja ta' Gelmus biex

minn hemm jisparaw fuq l-aħħar truppi li kien baqa' fil-Kastell. Liberato Grech ġie maħtur proviżorjament Kmandant ta' Forti Chambray. Il- Franċiżi issa kienu għadhom biss fil-Kastell.[112] Fit-28 ta' Ottubru 1798 il-gwarniġġjon ta' 217- il suldat Franċiżi taħt il-kmand tal-Logutenent Kurunell Lockey, ajjutant ta' battaljun u kmandant taċ-Ċittadella ċedew ukoll il-Kastell lir-rappreżentant tal-kaptan Alexander Ball, il-Kaptan Creswell. Il-Kaptan John Creswell tella' l-bandiera Ingliża fuq iċ-Ċittadella u l-Ingilterra assumiet ir-responsabbiltà għad-difiża ta' Għawdex.[113]

Matul il-gwerrer Napolioniċi ħafna priġunieri Franċiżi kienu jinġabru Malta u jinżammu f'diversi fortizzi tagħna. Fl-1805 kienu qed jinżammu għadd ġmielu minn dawn il-priġunieri f'Chambray u sal-1812 laħqu 600.[114]

Wara li l-Franċizi ġew imkeċċija minn Għawdex il-Forti Chambray bħal kull fortizza oħra f'Malta u Għawdex għaddew f'idejn l-Ingliżi. Taħt l-Ingliżi, il-fortizza baqgħet tiġi mantnuta u jieħdu ħsiebha. Anki l-kappella kienet tiġi frekwentata mir-raħħala tal-inħawi għas-servizzi reliġjużi. Fil-fatt fid-19 ta' Settembru 1822 il-Kmandant tat-truppi Ingliżi f'Għawdex, il-logutenent – Kurunell Otto Bayer ġie notifikat bl-approvazzjoni biex iqabbad qassis biex iqaddes fil-Forti Chambray bil-ħlas ta' għaxar tari kull quddiesa.



Fil-1830 il-qanpiena ta' qantar u nofs li kienet fuq torri Garzes ġiet meħuda għal kappella ta' Chambray, imma billi s-saqaf tal-kappella ma kienx jiflaħha ġiet installata fuq il-bieb ewlieni tal-Forti.

Forti Chambray għaddiet formalment lid-dipartiment tal-Ordinanza Ingliż fl-1 ta' Jannar 1829. Mill-ewwel l-awtoritajiet Ingliżi għarfu li l-post kien tajjeb biex iservi bħala post ta' konvalexxenza. Fl-1839 kienu ġew ippreparati kmamar biex jilqgħu fihom konvalexxenti li jkollhom bżonn tal-bdil tal-arja. Inbnew ukoll żewġ ċimiterji wieħed għall-Protestanti, ġewwa l-Forti n-naħa tal-majjistral u ieħor fil-foss in-naħa tal-lvant għal reliġjonijiet oħra. Sar ieħor ukoll fil-foss li jħares għan-naħa tax-Xatt l-Aħmar għal dawk b'mard infettiv. Inbnew ukoll 30 barrakka tal-injam ġewwa l-Forti biex jakkomodaw Riġment li wasal mill-Crimea fis-16 ta'Ġunju 1856.[115]

Kien ilu jinħass li l-fortifikazzjonijiet tal-kosta ta' żmien il-Kavallieri kien għadda żmienhom u fl-aħħar ta'Settembru 1853 it-torrijiet u l-fortifikazzjonijiet kollha f'Għawdex u Kemmuna, minbarra Forti Chambray u l-Kastell għaddew mill-Awtoritajiet Militari għal għand il-Gvern Ċivili ta' Malta. Chambray inżamm bħala kwartier għas-suldati u mhux bħala post ta' difiża.

Il-Gvern Ingliż ma kellu ebda intenzjoni li jarma l-fortizza, imma kien qiegħed jaħseb li jżarma l-Kastell u jgħadduh lill-Gvern Ċivili. Fil-fatt fid-9 ta'Jannar 1856 ir-residenza tal-Uffiċjal Kmandant tal-istakkament tar-Royal Malta Fencible Regiment f'Għawdex ġiet trasferita mir-Rabat għal Forti Chambray u fi ftit żmien il-kwartier tal-istakkament imsemmi ta' madwar 100 persuna ġie stabbilit f'Chambray. Fit-28 ta' Diċembru 1863 ingħatat direttiva mil-Logutenent Ġeneral Kmandant tat-truppi biex il-fossijiet ta' Forti Chambray jgħaddu lir-Royal Malta Fencible Artillery biex jużawhom għall-kultivazzjoni l-membri tal-istakkament stazzjonat fil-kwartier wara talba li kien għamel il-Logutanent Kurunell tal-istess Rigment.

Fl-1861 żewġ uffiċjali Ingliżi l-Kaptan Douglas Dalton R.E. u Dr.J Sucherland, ħejjew rapport dettaljat dwar l-akkomodazzjoni u kundizzjoni sanitarja tal-istazzjonijiet fil-Mediterran. Dwar Forti Chambray fost ħwejjeġ oħra jsemmu li l-post huwa miftuħ għaż-żiffa tal-baħar u għalhekk post tajjeb għas-saħħa. Il-blokk tal-kwartier kien jikkonsisti minn żewġ sulari b'erba' swali f'kull sular. Kull sala msaqqfa troll-de-bomba. L-erba' swali t'isfel kellhom bieb f'kull tarf u swali fis-sular ta' fuq tieqa f'kull tarf . Il-ventilazzjoni kienet nieqsa.[116] It-tnax-il tieqa f'kull ġenb ta' kull sala li naraw illum infetħu fi żmien l-Ingliżi, biex jagħtu aktar arja u dawl lis-swali. Kien hemm ukoll kamra għall-ħasil u tliet kċejjen mgħammra b'forn u boilers.[117]

Wara konsultazzjoni twila fl-1 ta' April 1869, ġie deċiż li l-Kastell ma għadux bżonnjuż biex jaqdi bħala Ċittadella armata u għalhekk ġie mogħti mid-Dipartiment tal-Gwerra lill-Gvern Ċivili ta' Malta. Hekk minn din id-data Forti Chambray baqa' l-unika fortizza f'Għawdex u Kemmuna f'idejn u okkupata mill-Ingliżi. Forti Chambray sar qisu gżira ġo gżira. Is-suldati stazzjonati fih kienu mehdija f'rutina ta' taħriġ u attività oħra. Il-preżenza tas-suldati f' Għawdex kienet milqugħa. Huma kienu jiġġeneraw ċertu kummerċ, kienu lesti li jgħinu f'xi każi ta' emerġenza u anki kienu iferrħu bid-daqq tal-banda tagħhom. Fis-sebgħinijiet tas-seklu dsatax ġie deċiż li Chambray għandu jibqa' jintuża għall-istazzjonar regolari ta' ħames kumpaniji tal-Infanterija li jkopri 500 raġel. [118] Fl-4 ta' Settembru 1882 Forti Chambray laqa' fih l-ewwel grupp ta' feruti mill-"Equption Expedition" u grupp ieħor wasal fit-12 tal-istess xahar. Dawn il-feruti tqiegħdu fil- kwartieri ta' żmien il-Kavallieri li ġie adattat għal dan l-iskop. [119]

Fl-1890 kien ġie ffurmat kumitat bl-għan li jfassal pjan ta' bini ta' barraks ġodda li setgħu jakkomodaw mitt ruħ kif ukoll akkomodazzjoni għal ħamsa u għoxrin familja. Il-bord li rrikmanda dan ix-xogħol kien taħt il-presidenza tal-Officer in Charge Troops Gozo.[120] Il-Blokk mibni għall-użu tal-familja tal-militar Ingliż, jew kif inhu magħruf aħjar il-'Married Quarters' inbena lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, aktarx bejn is-sena 1898-99.

Il-pjanti tal-blokk saru minn inġinier militari Ingliżi u nbena mill-bennej Viktor Vella tal-qanfuda miż-Żebbuġ Għawdex.[121] Viktor Vella huwa l-istess bennej li bena l-knisja ta' Pinu u l-kunvent ta' San Antnin barra xogħolijiet oħra.

Bħalma semmejna qabel, il-preżenza tas-suldati f'Chambray għinet ukoll l-ekonomija tar-raħal ta' Għajnsielem, speċjalment il-ħwienet tax-xorb. Xi djar kbar kienu jinkrew lill-fizzjali militari anzjani. Kien hemm ukoll oħrajn li kienu mpjegati bħala ħassiela. Bħala parroċċa r-raħal gawda xi ftit ukoll mis-servizzi Ingliżi. Hekk pereżempju fl-1856 il-banda tat-31st Regiment daqqet b'xejn fil-festa titulari. Fl-1859 60 suldat tar-Regiment RMF taw il-ħatab biex issir ħuġġieġa għall-festa. Fl-1861-62 is-surġent M.N Boiton ħallas iġ-ġiġġifogu. Fis-sena 1863 is-suldati taw żejt għat-tazzi tal-faċċata tal-knisja. Xi riġmenti oħra kienu rregalaw lill-knisja bankijiet u armarju.



Naturalment l-Ingliżi f'Chambray barra r-rutina ta' taħriġ u attivitajiet oħra marbuta mal-korp kienu jipprattikaw l-isports fosthom il-football u t-tennis. Fix-xatt l-aħmar kienu ikkapparraw parti mill-bajja biex jgħumu fiha, u kienu għamlu 'spring board' u sallum għadna nsibuh bħala il-moll tal-Ingliżi.[122]

F'dawn iż-żminijiet li qed insemmi jidher li fir-raħal kien hemm xi nisa xi ftit imqarbin u kif ngħidu fuq tagħhom. Dan nafuh għax il-kappillan ta' Għajnsielem kien qed jiddejjaq bl-imġieba ta' xi nisa tar-raħal li huma qed imorru fil-fortizza Chambray u jġibu ruħhom ħażin mas-suldati. Għalhekk il-kappillan wera x-xewqa tiegħu lill-Patri Manuel Grima li kien kappillan tas-suldati f'Chambray biex jitlob lill-awtoritajiet tal-fortizza jordnaw li biex mara tidħol fil-Forti tkun teħtieġ biljett apposta.[123]

Tard fis-seklu dsatax xi knejjes parrokkjali jew xi knisja oħra kienu jintużaw għas-servizzi reliġjużi ta' kull nhar ta' Ħadd ċ-'Church Parodes' bħalma kien isir ukoll fil-paroċċa ta'Għajnsielem. Imma mid-dehra nqala' xi tilwim bejn l-awtoritajiet ekkleżjastiċi Maltin u l-Militar Ingliż. Għalhekk f'Novembru 1895, meta Royal Warwickshire Regiment kien Chambray, deher avviż li s-servizzi għas-suldati kattoliċi jsiru kollha fil-kappella tal-Forti kull nhar ta' Ħadd fid-9.30 ta' fil-għodu u mhux aktar fil-knisja parrokkjali.[124]

F'dik il-ħabta jidher li l-ekonomija ta' Għawdex ma tantx kienet xi waħda ward u żahar u għalhekk il-preżenza ta' riġmenti Ingliżi f'Chambray kienu jagħtu palata lill-ekonomija tal-gżira. Fil-fatt fid-19 ta' Marzu 1910, il-gvernatur ordna li r-rigment tas-Somersetshire light Infontry jintbagħat Għawdex biex b'hekk tissaħħaħ l-ekonomija tal-ġzira.[125] Din il-politika jiġifieri li jintbagħtu reġimenti Ingliżi f' Chambray baqgħet tiġi attwata sakemm faqqgħet il-Gwerra l-Kbira 1914-1918. Imma imbagħad l-infanterija Ingliża kienet meħtieġa band' oħra u Forti Chambray kien meħtieġ bħala sptar u Rest Camp għall-feruti, speċjalment dawk minn Gallipoli u l-kumpanija fil-Lvant qarib. Meta spiċċat il-Gwerra, Forti Chambray baqa' jintuża mis-servizzi Ingliżi bħala post ta' mistrieħ u sal-1926 jidher li kien għad hemm membri baħrin tan-Navy Ingliża kif jidher min-numru ta' graffiti migrufa fuq il-ħitan. Wara l-1928 is-servizzi Ingliżi ħallew il-jedd tal-pusses tagħhom tal- Forti Chambray.[126]

Ta' min isemmi li n-nies tas-servizz kienu jidfnu l-mejtin tagħhom fiċ-ċimiterju ġol-istess Forti li sal-bidu tas-snin disgħin tas-seklu għoxrin kien għadu jeżisti. Dan iċ-ċimiterju kien fih ħafna lapidi sbieħ tas-suldati u l-familja tagħhom li mietu meta kienu servizz f'Forti Chambray. Xieraq li nagħtu lista ta' xi riġmenti Ingliżi li fl-imgħoddi kienu stazzjonati Chambray. The Loyal Regiment; The Warwickshire Regiment; The Darsetshire Regiment; The Essex Regiment; The Royal Irish Fusiliers; The Leinster Regiment; The Connaught Rangers; The Somersetshire light Infantry; The Lancashire Fusilurs; Royal Sussex Regiment; Pompodoules Company; Munsters Fusiliers; Gordan Highlanders u l- Cameronians.[127] Fost dawk midfuna f'Chambray kien hemm John David, segretarju tal-Logutenent Gvernatur ta' Għawdex. Dan John David kien ħadem ħafna biex itejjeb il-ħajja tal-Għawdxin u kien wieħed li fl-eta ta' 17-il sena kien ħa sehem fl-imblokk kontra l-Franċiżi fl-1799. Ieħor midfun f'Chambray kien il-logutenent Kurunell Charles Andrews Bayley.[128]

Fl-1932 il-Gvernatur, fl-indirizz tiegħu fl-okkażjoni tal-Ftuħ tal-Ewwel Sessjoni tar-Raba' leġislatura qal li l-pazjenti tal-mård tal-moħħ inkurabbli se jibdew jintbagħtu mill-isptar ta' Malta għal Chambray, u hekk isir asylum. Fl-1933 ġew ivvotati £88 lira sabiex f'Forti Chambray titlesta akkomodazzjoni għall-pazjenti. Somom oħra ta' flus ġew ivvotati f'okkażjonijiet oħra u eventwalment l-isptar infetaħ fis-16 ta' Jannar 1934.[129] Kienu ġew ivvutati wkoll £2500 lira biex isir xogħol meħtieġ ħalli l-bini eżistenti jinbidel f'wards; blokk amministrattiv; kċina u kwartieri residenzjali għas-sorijiet u għat-tobba. Somma ta' £1673 intefqet biex l-isptar jiġi fornut b'dak kollu meħtieġ.[130]

Fl-1935 ġew ivvotati £3000 liri biex jitwassal l-elettriku sa Forti Chambray. Dan ix-xogħol baqa' sejjer għal xi snin. Fis-sena 1937 intefqu £196 -10-11 biex tissewwa l-porvlista u fl-istess sena ġiet meħuda kwantità ta' ħamrija lejn il-Forti, aktarx biex isiru l-ġonna. Sptar ieħor ġewwa Forti Chambray kien dak tal-mard tal-lebbra. Dan l-isptar twaqqaf f'dak il-blokk li qabel kien il-"Married Quarters" Barra xogħol ieħor inbena ħajt twil 500 pied biex jifred dan l-isptar minn dak tal-moħħ. Biex sar dan ix-xogħol intefqu £1099-9-10. L-isptar issemma 'Sptar il-Qalb Mqaddsa' u ġie inawgurat f'Diċembru 1937. Dan l-isptar ingħalaq u spiċċa jiffunzjona fl-1956 wara deċiżjoni li l-morda setgħu

jirritornaw lura f'darhom. Hekk kien baqa' biss l-isptar tal-mard tal-moħħ. Matul it-tieni Gwerra Dinjija nġiebu f'Chambray numru konsiderevoli ta' pazjenti mentali minn Malta minħabba s-sigurtà. Filfatt f'dak iż-żmien kien hemm fuq 400 pażjent f'Chambray.

Għall-aħħar tas-sena 1979 il-Gvern beda x-xogħol ta' kostruzzjoni biex Forti Chambray isir kumpless turistiku.[131] Dak li oriġinarjament kien il-'married quarters' ġew konvertiti f'sittax il-holiday flats. Inbnew ukoll restorant u bar flimkien ma' swimming pool. Sar ukoll xogħol ta' rinovozzjoni fuq il-bini l-ieħor, kisi biċ-ċangatura u landscaping. Inbniet ukoll triq ġdida fuq ħnejjiet speċjali li taqsam il-foss u tgħaqqad it-triq ta' barra maċ-ċentru tal-Forti. Dan ix-xogħol kien sar kollu mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħolijiet pubbliċi, fuq pjanti tal-perit Vincent Cassar u taħt is-superviżjoni ta' min qed jikteb it-tnejn tal-istess dipartiment. Ta' min isemmi l-kwartieri tal-Kavallieri, il-porvlista u ċ-ċimiterju ma ġewx minsusa b'dan ix-xogħol.

Fil-16 ta' Diċembru 1992 il-Gvern ħabbar fil-parlament li kien se jgħati Forti Chambray b'enfitewsi għall 99 sena b'LM10,000 fis-sena lill-kumpanija Antiman ibbażata f'Monaco. Il-mozzjoni għal din l-għotja ġiet approvata mill-Parlament fit-18 ta' Jannar 1993 b'31 vot favur u 28 kontra.[132] Eventwalment Forti Chambray kien beda jiġi żviluppat b'kumpless turistiku mill-kumpanija 'Forti Development Limited' Imma donnu li dan il-proġett ma setax jingrana tajjeb u kien wasal f'diffikultajiet.

Fl-2004 l-avukat Michael Caruana u żewġ ħutu oħra xtraw Forti Chambray mingħand il-Gvern u azzjonisti oħra. L-aħwa Caruana komplew jiżviluppaw il-Forti



u jidher li x-xogħol għadu għaddej.

Kif rajna din il-Forti għaddiet minn bosta episodji storiċi u soċjali sa minn qabel il-bini tagħha. Halliet bosta memorji fuq ħafna nies mir-raħal tagħna u sallum għadha tnissel nostalġija fuq xi wħud speċjalment dawk ta' ċertu età. Fl-opinjoni tagħna ngħidu li b'aktar għaqal u impenn mill-awtoritajiet governattivi setgħat ġiet żviluppata b'mod li kienet tkun tista' titgawda iktar u aħjar mill-poplu Għawdxi kollu partikularment mill-poplu ta' Għajnsielem.

## Noti

1. Busutil Joseph – Pirates in Malta –Melita History Vol V No4 -1971 p.308
2. Alison Hoppen – The fortifications of Malta by the order of Saint John p.114
3. Fiorini Stanley – The Resetellemnt of Gozo after 1551 – Melita Hist Vol IX No3 -1986 – p.203
4. Samut Tagliaferro –The Fortifications of Gozo and Comino
5. Vella Andrew – Storja ta' Malta Vol1 p.129
6. Fiorini Stanley – op. cit. p.203
7. Fiorini Stanley - The 1551 Siege of Gozo and the repopulation of the Island in a focus on Gozo 1996 p 74-75
8. Azzopardi Francis Ofm Cap – The Sunday Times October 16-1988 –p.22
9. Camilleri Albert – Some Notes on The History of Gozo and its Old City Under the Knights of St. John – focus on Gozo 1996 p.105
10. Fiorini Stanley – The Siege of Gozo and the Reppoulation of the Island – focus on Gozo 1996 p.75
11. Fiorini Stanley – The Resettlement of Gozo after 1551 – Melita History Vol IX no3 1986 p.204
12. Fiorini Stanley – IBID p.204
13. Samut Tagliaferro op. cit. p.22
14. Camilleri albert op.cit p 105(xi kittieba oħra jgħidu li l-popolazzjoni ta' Għawdex kienet 6000. Meta kiteb fl-1715 Gio Giuseppe Caxaro jgħid 5934 imqassma hekk)

| | |
|---|---|
| Castello e su distretto e Borgo rive rabato | 2991 |
| Casal Xewkija | 630 |
| Casal Garba | 517 |
| Casal Sannat | 370 |
| Casal Nadur | 494 |
| Casal Caccia | 565 |
| Casal Żebbuġ | 367 |
| In tutto | 5934 |

Ara Samut Tagliaferro op. cit. p.30

15. Stanley Fiorini –Focus on Gozo 1996 p.75
16. Vella Andrew op Cit p.188
17. Agius De Soldanis- tradizzjoni bil-Malti minn G.Farrugia Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu p.99
18. Samut Tagliaferro op. cit. p.23
19. Alison Hoppen op. cit. p.144
20. Camilleri Albert op. cit. p.118
21. Azzopardi Francis Ofm Cap The Sunday Times of Malta Oct 1988 p.16
22. IBID
23. Samut Tagliaferro op. cit. p.27
24. Azzopardi Francis OFM cap op. cit. p.22
25. Samut Tagliaferro op. cit. p33
26. IBID p.33-36
27. IBID p.37
28. Alison Hoppen op. cit. p.115-116
29. Azzopardi Francis Ofm Cap op. cit. p. 22
30. Bezzina Joseph - The Development of a Village unit in Gozo after 1575 – focus on Gozo 1995 – p.64
31. Samut Tagliaferro op. cit. p.37
32. Alison Hoppen op. cit. p.123
33. Samut Tagliaferro op. cit. p.104
34. IBID p.128
35. IBID p.110-111
36. Azzopardi Francis OFM cap op. cit. p22
37. Alison Hoppen op. cit. p.110
38. Samut Tagliaferro op. cit. p.122-124
39. Alison Hoppen op. cit. p.117-118
40. Samut Tagliaferro op. cit. p.257
41. Buttigieg Paola – Leħen is-sewwa 5 ta' Ottubru 1949
42. IBID
43. Samut Tagliaferro op. cit.p.257
44. Buhagiar Conrad – Fort Chambray: The Genesis and Realisation of a Project in Eighteenth Century Malta – Melita History Vol XIII N04(2003) p. 347
45. Alison Hoppen op. cit. p.120
46. IBID p.120
47. Samut Tagliaferro op. cit. p.259
48. IBID p.261
49. IBID p.264
50. Alison Hoppen op. cit. p.120
51. Samut Tagliaferro op. cit. p.264
52. IBID p.260-261
53. Quentin HUGES – Fortesses: Architecture and Military History in Malta p.224-225
54. Samut Tagliaferro op. cit. p.264
55. Buhagiar Conrad op. cit. p149

56. Samut Tagliaferro op. cit. p.265
57. Buttigieg Paolo Leħen is-Sewwa 12 ta' Ottubru 1949
58. Buhagiar Konrad op. cit. p.149
59. Buttigieg Paolo op. cit. 12 ta' Ottubru 1999
60. Samut Tagliaferro op. cit. p 265
61. Buhagiar Konrad op. cit.p350
62. Buttigieg Paolo op. cit. 12-10-1999
63. Alison Hoppen op. cit. P121
64. Samut Tagliaferro op. cit. P266
65. Alison Hoppen op. cit. P121
66. Samut Tagliaferro op. cit. P 266
67. Buttigieg Paolo op. cit.12-101999
68. Azzopardi Francis OFM Cap op. cit. 16-10-1988
69. Butigieg Paolo op. cit. 19-10-1999
70. IBID 19-10-1999
71. Buhagiar Konrad op. cit.p.352
72. Alison Hopper op. cit. P121
73. Buttigieg Paolo op. cit.19-101999
74. IBID op. cit.19-101949
75. Buhagiar Konrad op. cit. P.352
76. Buttigieg Paolo op. cit. 19-101999
77. Samut Tagliaferro op. cit. P266
78. Buhagiar Konrad op. cit.p.253
79. Buttigieg Paolo op. cit. 19-10-1999
80. Samut Tagliaferro op. cit. p.266
81. Buttigieg Polo op. cit. 19-10-1999
82. IBID 19-10-1999
83. Samut Tagliaferro op. cit.p.206
84. Alison Hoppen op. cit. P.121-122
85. Buttigieg Poalo op. cit. 26-10-1999
86. Achille Ferris, Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo p.695
87. Buttigieg Paolo op. cit.26-10-1999
88. Samut Tagliaferro op. cit. P.267
89. Allison Hopper op. cit. p.122
90. Samut Tagliaferro op. cit. p.267-270
91. Buhagiar Konrad op. cit.p.358
92. Samut Tagliaferro op. cit. p.270-271
93. IBID p.274
94. Alison Hoppen op. cit. p.121 – Quinten Huges op. cit. p.225
95. Brian Blouet – The Story of Malta 1981 p.102 – Alison Hopper op. cit.p.122
96. Spiteri C.Stephen – Discovering the Fortifications of the Order of St. John in Malta. p.135
97. Alison Hoppen op. cit. p.122
98. IBID p.122
99. Testa Carmel - Maż-Żewġ Naħħat tas-Swar Vol1 p.26
100. Samut Tagliaferro op. cit. p.275 – Debono Joe – Gozo Under the French. A 141-day Saga p.18
101. Testa Carmel op. cit.p.41
102. Debono Joe op. cit. p.18-19
103. Testa Carmel op. cit. p41
104. Debono Joe op. cit.p.19-20
105. Testa Carmel op. cit. p.41-42
106. Samut Tagliaferro op. cit. p.276 – Testa Carmel op. cit. p.42
107. Vella Andrew – Storja Ta' Malta Vol II p.227
108. Samut Tagliaferro op. cit. p.276
109. Debono Joe op. cit. p.39
110. Samut Tagliaferro op. cit. p.276
111. Vella Andrew-Storja Ta' Malta VolII p.292
112. Samut Tagliaferro op. cit. p.278
113. IBID p278 u Testa Carmel op. cit. p.330
114. IBID p.278 u AV Laferla – British Malta 1976 p.66
115. Samut Tagliaferro op. cit. p.278 279
116. IBID PP 280-281-282
117. IBID p.282
118. IBID p.285
119. Illustrated London News 30-9-1882
120. Wichman Victor - "Għajnsielem" Diċembru 2003
121. Vella Muskat Victor – Victor Vella Hajtu u Hidmietu p.37-39
122. Ġużeppi Żerafa Rev. – 'Għajnsielem' festa 2007
123. Mallia Salv – Manwel Magri S.J. p.49-50
124. Wickman Victor - 'Għajnsielem' Milied 2003
125. IBID - Għajnsielem Għid 2004 nru 54
126. Samut Tagliaferro op. cit. p.285-286
127. Samut Tagliaferro op. cit.p.290 Wickman Victor, Scicluna Joe u Rev. Ġ Żerafa f'Għajnsielem Nru 54,nru29 u Nru 60 rispettivament
128. Samut Tagliaferro op. cit.p.290
129. Anton Gauci – Pajjiżi taħt l-Ingliżi p.75
130. IBID pp. 75,76
131. Samut Tagliaferro op. cit.p 288
132. IBID p.292



TEEN AGE
SOUND SYSTEM

Contact : 79216572

Aurelio Bugeja jawgura l-festa t-tajba lil Għajnselmiżi kollha